Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1479

25.7.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1479

tat-22 ta' Mejju 2025

li tispeċifika l-kontributi prorata għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO_2 tal-Unjoni sal-2030 mill-entitajiet li għandhom awtorizzazzjoni kif definita fl-Artikolu 1, il-punt 3, tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 20(1) u l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2024/1735 jipprevedu li l-entitajiet li pproduċew gass naturali u żejt grezz fit-territorju tal-Unjoni bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2023 jridu jikkontribwixxu għall-mira fl-Unjoni kollha ta' kapaċità tal-injezzjoni ta' CO_2 ta' 50 miljun tunnellata sal-2030.

(2) Sat-30 ta' Settembru 2024, skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2024/1735, l-Istati Membri kienu meħtieġa jirrapportaw lill-Kummissjoni rigward l-entitajiet li tawhom l-awtorizzazzjoniet għall-produzzjoni tal-gass naturali u ż-żejt grezz, u l-volumi tal-produzzjoni ta' dawk l-entitajiet bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2023.

(3) L-Istati Membri kollha rrapportaw l-informazzjoni dwar kull awtorizzazzjoni individwali fit-territorju tagħhom, kif definita fl-Artikolu 1, il-punt 3, tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), bħal liema entità jew entitajiet kellhom l-awtorizzazzjoni, il-volum tal-produzzjoni ta' dawk l-entitajiet għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2023, u s-sehem ta' dawk l-entitajiet fil-volumi tal-produzzjoni jekk aktar minn entità waħda kellha l-awtorizzazzjoni. L-informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet kienet komunikata permezz ta' formola standardizzata, u l-Istati Membri bagħtu formola waħda għal kull awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, diversi Stati Membri bagħtu wkoll il-volum tal-produzzjoni aggregat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023 għall-entitajiet kollha li kellhom mill-inqas awtorizzazzjoni waħda fit-territorju tal-Istat Membru rispettiv.

(4) Il-Kummissjoni vverifikat il-kompletezza tar-rapporti, u l-komparabbiltà tad-data mogħtija. Meta meħtieġ, talbet lill-Istati Membri biex jipprovdulha kwalunkwe informazzjoni nieqsa u biex jiċċaraw id-data fornuta. Meta l-Istati Membri bagħtu kemm il-formoli standardizzati għal kull awtorizzazzjoni kif ukoll il-produzzjoni aggregata għal kull entità, il-Kummissjoni qagħdet fuq din tal-aħħar. Meta l-Istati Membri ma kinux jistgħu jikkalkulaw il-produzzjoni għal kull awtorizzazzjoni, il-Kummissjoni qablet li toqgħod biss fuq il-produzzjoni aggregata għal kull entità. Wara li kisbet id-data rilevanti dwar il-produzzjoni mill-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għamlet kontroreferenza mas-sorsi esterni biex tiddetermina l-produzzjoni totali tal-Unjoni taż-żejt grezz u l-gass naturali fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023.

(5) Kif jaslulha r-rapporti msemmija fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2024/1735, u f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1477 ([3]), il-Kummissjoni trid tispeċifika l-ammont tal-kontributi tal-entitajiet obbligati.

([1]) ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj.

([2]) Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1994/22/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1477 tal-21 ta' Mejju 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika r-regoli dwar l-identifikazzjoni tal-produtturi awtorizzati taż-żejt u tal-gass li huma meħtieġa jikkontribwixxu għall-objettiv li tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO2 disponibbli sal-2030, dwar il-kalkolu tal-kontributi rispettivi tagħhom, u dwar l-obbligi tar-rapportar tagħhom (ĠU L, 2025/1477, 25.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1477/oj).

(6) Għalhekk, il-Kummissjoni meħtieġa tispeċifika l-ammont ta' kontributi għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni ta' CO_2 tal-Unjoni sal-2030 mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2024/1735.

(7) F'konformità mal-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) 2024/1735, sat-30 ta' Ġunju 2025, id-detenturi tal-awtorizzazzjoni jridu jippreżentaw pjan fid-dettall lill-Kummissjoni li jispeċifika kif beħsiebhom jiksbu l-kontribut tagħhom għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO_2 tal-Unjoni sal-2030. Sabiex id-detenturi tal-awtorizzazzjoni jkollhom iċ-ċans iħejju u jippreżentaw dak il-pjan sat-30 ta' Ġunju 2025, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni li l-produzzjoni kombinata tagħhom ta' żejt grezz u gass naturali fl-Unjoni tammonta għal 95 % tal-volum taż-żejt grezz u tal-gass naturali prodotti fl-Unjoni fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023, għandhom jitqiesu entitajiet obbligati. Dawn l-entitajiet obbligati għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi ta' kontribut kif stabbilit fl-Anness 1.

Artikolu 2

Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni b'volumi tal-produzzjoni taż-żejt grezz u tal-gass naturali li ammontaw għal 5 % tal-volumi kumulattivi tal-produzzjoni taż-żejt grezz u tal-gass naturali tal-Unjoni fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023, għandhom jitqiesu entitajiet esklużi. Dawk l-entitajiet esklużi huma elenkati fl-Anness 2.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS 1

Lista tal-entitajiet obbligati msemmija fl-Artikolu 1 u l-obbligi ta' kontribut rispettivi tagħhom għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO_2 tal-Unjoni sal-2030

Nru	Entitajiet obbligati	Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa lokali	Obbligu ta' kontribut għall-kapaċità operazzjonali tal-injezzjoni tas-CO_2 sal-2030 (f'kilotunnellati kull sena)
1	Nederlandse Aardolie Maatschappij B.V.	NL003014861B01	6 350
2	OMV PETROM SA	RO 1590082	5 880
3	S.N.G.N ROMGAZ S.A.	RO 14056826	4 120
4	ORLEN S.A. (poprzednio Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo S.A.)	7740001454	4 100
5	Eni S.A.	00484960588	3 230
6	Wintershall Dea Deutschland GmbH	DE 814756974	1 980
7	TotalEnergies EP Nederland B.V.	NL001766971B01	1 590
8	MOL Magyar Olaj- és Gázipari Nyrt.	10625790-4-44	1 560
9	SHELL ITALIA E&P	05160421003	1 550
10	BlueNord Energy Denmark A/S	78342714	1 340
11	Oldenburgische Erdölgesellschaft mbH	DE 204823786	1 270
12	NAM Offshore B.V.	NL863955058B01	1 220
13	INA-INDUSTRIJA NAFTE, d.d	OIB-27759560625	1 150
14	TotalEnergies EP Danmark A/S concessionaire	22757318	1 130
15	OMV Austria	ATU57544036	960
16	Eni Energy Netherlands B.V.	NL001649103B01	880
17	TOTALENERGIES EP ITALIA	10569621005	830
18	Neptune Energy Deutschland GmbH	DE 811127999	770
19	Nordsøfonden	29435065	730
20	BEB Erdgas und Erdöl GmbH & Co. KG	DE 282430970	630
21	Petrogas E&P Netherlands B.V.	NL007409825B01	580
22	Nephin Energy Limited	3514113IH	550
23	ENI MEDITERRANEA IDROCARBURI	12300000150	510
24	Vermilion Energy Corrib Ireland Limited	8249996O	470
25	Rockrose (NL) CS1 B.V.	NL001799782B01	450
26	Vermilion Energy Netherlands B.V.	NL812927254B01	450
27	TotalEnergies Denmark ASW, Filial af TotalEnergies Denmark ASW, INC., USA	53592716	440
28	MITSUI E&P ITALIA B	11835991008	420
29	ENERGEAN ITALY	10245700967	410

Nru	Entitajiet obbligati	Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa lokali	Obbligu ta' kontribut għall-kapaċità operazzjonali tal-injezzjoni tas-CO_2 sal-2030 (f'kilotunnellati kull sena)
30	Mobil Erdgas und Erdöl GmbH	DE 811140133	400
31	VERMILION REP	79410964837	390
32	Lakocsa Koncessziós Kft.	25500002-2-44	390
33	Kistos NL2 B.V.	NL855336717B01	370
34	Exxonmobil Producing Netherlands B.V.	NL814970175B01	330
35	ONE-Dyas B.V.	NL008848087B01	330
36	Vermilion Energy Germany GmbH & Co. KG	DE 292 126 532	320
37	Wintershall Noordzee B.V.	NL005614260B01	310
38	TAQA Offshore B.V.	NL814079386B01	290
39	INEOS Energy (Syd Arne) ApS	73589118	250
40	Black Sea Oil & Gas S.A.	RO 21288144	250
41	INEOS E&P A/S	73349613	250
42	Vermilion Energy Ireland Limited	6602191R	240
43	Dana Petroleum Netherlands B.V.	NL005658214B01	170
44	B8 Sp. z o.o. BALTIC Sp. k. a.	5833163579	160

ANNESS 2

Lista tal-entitajiet eskluży msemmija fl-Artikolu 2

Entitajiet eskluży
AB “LOTOS Geonafta”
ADX VIE GmbH
AIMAG
ALPHA METAL OIL AND GAS SRL
AMROMCO ENERGY S.R.L.
APENNINE ENERGY
ARMAX GAZ SA
Bendra Lietuvos–Švedijos įmonė uždaroji akcinė bendrovė “Genčių nafta”
BRENT EXPLORATION & PRODUCTION S.R.L.
BRIDGE ENERGIES
CANOEL ITALIA
CEPSA E.P. ESPAÑA, S.L.
CH_4 LIZZANO
CNWL Oil España, S.A.U.
Csanád Szénhidrogén Koncessziós Kft.
DACIAN PETROLEUM S.A.
Danoil Exploration A/S
Darany Energy Kft.
DNO North Sea (U.K.) Limited
EAST WEST PETROLEUM CORPORATION
EDISON STOCCAGGIO
EMSZ Első Magyar Szénhidrogén Koncessziós Kft.
ENERGEAN OIL & GAS S.A
ENERGEAN SICILIA
ENGAS s.r.o.
Eni Energy Participation Netherlands B.V.
Folyópart Energia Kft.
FORA OIL AND GAS SRL
FORAJ SONDE SA - CRAIOVA
GAS PLUS DACIA SRL
GAS PLUS ITALIANA
GAZKOP-1 Sp. z o. o.
GAZKOP-WILCHWY Sp. z o.o.
GAZONOR BENELUX

Entitajiet esklużi
Gazprom International UK Ltd
GEOENERGO d.o.o.
GÉOPÉTROL
Green Gas DPB, a.s.
HEXUM Földgáz Zrt.
HEYCO ENERGY IBERIA SLU
HHE DrávaP Koncessziós Kft.
HHE Gyulavari Kft.
HHE Sarkad Kft.
INEOS E&P Siri (UK) Limited
IPC PETROLEUM
IRMINIO
KARBONIA S.A.
KMSZ Kelet-Magyarországi Szénhidrogén Koncessziós Kft.
LAMA GAS & OIL s.r.o.
LAZZI GAS
LFDE
Lietuvos ir Danijos uždaroji akcinė bendrovė “MINIJOS NAFTA”
LOTOS Petrobaltic S.A.
Magyar Földgáztároló Zrt.
Magyar Horizont Energia Kft.
Mazarine Energy Romania S.R.L.
Mercuria Hydrocarbons B.V.
MND a.s.
Mogyoród Koncessziós Kft.
MOL Dráva Szénhidrogén Koncessziós Kft.
NAFTA a.s.
NAFTA Speicher GmbH & Co. KG
O&GD Central Kft.
OELWEG
OGD Berettyóújfalu Koncessziós Kft.
OGD Újléta Koncessziós Kft.
Oil and Gas Exploration and Production Plc.
OIL AND GAS SKILLS S.A.
OILFIELD EXPLORATION BUSINESS SOLUTIONS S.A.
ONEO GmbH & Co. KG
ORLEN Upstream Sp. z o.o.

Entitajiet esklużi
Parkmead (E&P) Ltd.
PETRO VENTURES RESOURCES SRL
Petroceltic Bulgaria EOOD
PETROLEUM OIL & GAS ESPAÑA, SA
PETROREP ITALIANA S.R.L. IN LIQUIDAZIONE
Production North Sea Netherlands Ltd.
PSE Kinsale Energy Ltd
PSE Seven Heads Ltd
PSP d.o.o.
PXOG Massey Limited
RAFFLES ENERGY SRL
RAG Austria AG
REP GmbH
REPSOL INVESTIGACIONES PETROLÍFERAS, S.A
Rhein Petroleum GmbH
Rockrose (NL) CS5 B.V.
Römermann Insolvenzverwalter Rechtsanwaltsgesellschaft mbH
S.C. BRENT OIL S.R.L.
S.C. FORAJ SONDE S.A. - VIDELE
S.C. HUNT OIL COMPANY OF ROMANIA S.R.L.
S.C. Lotus Petrol S.R.L.
S.C. MIHOC OIL S.R.L.
S.C. NIS PETROL S.R.L.
S.C. SERINUS ENERGY S.A.
SIM
Sociedad de Hidrocarburos de Euskadi, S.A. (SHESA)
SOCIETÀ DI SALSOMAGGIORE S.R.L. IN LIQUIDAZIONE
SOCIETÀ PADANA ENERGIA
SOCOPLUS
SPPE
Stratum Energy Romania LLC
Tápió Szénhidrogén Koncessziós Kft.
TARBA ENERGIA, SL
Tenaz Energy Netherlands Offshore B.V.
Tenaz Energy Netherlands Offshore II B.V.
TÉT-3 GÁZKÚT Kft.
TXM Olaj- és Gázkutató Kft.

Entitajiet esklużi
UAB “LL investicijos”
UAB “Manifoldas”
UNION FENOSA GAS EXPLORACION Y PRODUCCION, SA
Vermilion Exploration and Production Ireland Limited
Vermilion Hungary Battonya-dél Koncessziós Kft.
Wintershall Dea International GmbH
Wintershall Nordzee B.V.
ZENITH RESOURCES SRL
ZOK Sp. z o.o.